MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH BONNICI

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 2516/2002

**Miller Distributors Ltd**

**Vs**

**David Bugelli f'ismu proprju kif ukoll bhala ezercitanti l-kummerc taht l-isem Bugelli Library**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Ottubru 2002 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm657.40 (sitt mija sebgha u hamsin Lira Maltin u erbghin centezmu) rapprezentanti bilanc dovut fuq il-prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjati.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` attrici titlob il-hlas ta' sitt mija u seba` u hamsin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm657.40) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta'

merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenut fuq inkarigu tieghek stess.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra legali datata 6 ta' Settembru 2001, u bl-imghax legali mid-data tal-hrug tal-invoices relattivi sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Talba tas-socjeta` attrici hija preskritta;
2. Fit-tieni lok, it-talba hija infondata fil-fatt ghaliex il-konvenut pro et nomine m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta` attrici, anzi jekk isiru l-kontijiet sewwa jinstab li s-socjeta` attrici hija debitrici lejn il-konvenut pro et noe.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi jidher mill-patafjun ta' dokumenti esibiti mill-odjerni kontendenti li l-kontestazzjoni tirrigwardja l-kwistjoni ta' x'hiex kellu jirritorna l-konvenut lis-socjeta` attrici meta ghalaq in-negozju tieghu. Kif rilevat fl-affidavit tieghu, il-konvenut iddikjara li rritorna dak kollu li seta, pero` akkreditat b' ammont ferm anqas minn dak lilu dovut.

Jibda biex jinghad illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut ma tregix fil-konfront attrici. Dan peress illi z-zewg artikolu nvokati ma japplikawx ghal kaz in dezamina billi hawn si tratta ta' negozju da parti tal-konvenut fuq dak lilu konsenjat mis-socjeta` attrici, ovvjament bi skop ta' lukru. Ghalhekk japplika l-perjodu kwinkwenrali.

Fil-meritu, tibqa l-kontestazzjoni reciproka dwar l-allegat ftehim li kien hemm vigenti bejn il-partijiet. Dak allegat mill-konvenut mhux kontradett mix-xhieda prodotti mis-socjeta` attrici. Mhux hekk biss izda ma giex kontestat minna li l-materjal ritornat mill-konvenut gie mizmum minnha ghalkemm qed jintalab il-hlas tieghu minghand il-konvenut. Mhux hekk biss u ghalkemm ipprocediet ghal hlas, il-materjal la gie ritornat lil konvenut u wisq anqas gie

depozitat taht l-Awtorita tal-Onorabbli Qorti. Una volta giet maghzula dik it-triq, il-proceduri odjerni ma jistghux ireggu.

Illi mill-ammont reklamat mis-socjeta` attrici ghandhu jitnaqqas l-ammont mahdum tal-materjal mizmum minnha ossia sitt mija u tletin Lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm630.69). B'hekk l-ammont dovut lis-socjeta attrici jammonta ghal sitta u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm26.77).

Jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' sitta u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm26.77) u jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu mhux superat dan l-ammont.

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------